**NOMINA TAS-SA NANCY CARUANA GĦALL-ĦATRA TA' PRESIDENT TAR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi l-irwol ta' President tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma?

Il-President tar-Regolatur imexxi l-Bord u jiżgura governanza korporattiva effettiva, sorveljanza strateġika u prestazzjoni tajba tal-bord. Fost il-kompiti ewlenin ta' dan l-irwol, hemm li jmexxi l-laqgħat tal-bord, jiggwida l-istrateġija fit-tul tar-Regolatur, jappoġġja u jevalwa lill-Kap Eżekuttiv, u jassigura konformità mal-liġi, mar-regolamenti u jinżamm l-ogħla livell tal-istandards etiċi u li jkun  hemm ukoll bilanċ bejn il-bżonnijiet tas-settur u l-operaturi tiegħu.

2. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek bħala President tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma?

L-għan tiegħi hu li nassigura li l-Bord jaħdem b'mod effettiv, li nkunu qed naħdmu f'konformita' mal-prijoritajiet nazzjonali, bħall-**Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima**, u li nkunu kapaċi nirrispondu b'mod proattiv għal sfidi ambjentali, tekniċi u istituzzjonali li qed jevolvu kontinwament.
Bħala President, l-għan tiegħi hu li nservi ta' overseer indipendenti mill-operat tar-Regolatur biex nassigura checks and balances adekwati li jkomplu joffru trasparenza u kontabilità akbar. Li nkunu aktar proattivi fil-moniteraġġ u l-infurzar tar-regolamenti.

3. Xi sfidi tara quddiemek f'dan l-irwol?

Waħda mill-isfidi prinċipali li nara f'dan l-irwol, hija li niżgura governanza b'saħħitha u indipendenti, filwaqt li nibni fiduċja mal-istakeholders u nagħti direzzjoni strateġika ċara lill-organizzazzjoni. Jeħtieġ bilanċ delikat bejn is-sorveljanza u r-rispett lejn il-funzjonijiet eżekuttivi, speċjalment f'kuntest regolatorju.

4. X'taħseb li għandhom ikunu l-kisbiet matul il-ħames snin li ġejjin?

Matul il-ħames snin li ġejjin, nemmen li l-kisbiet għandhom ikomplu jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-indipendenza u l-governanza tar-regolatur, b'aktar effettività u trasparenza, kif ukoll aktar promozzjoni ta' servizzi sostenibbli u innovattivi fl-oqsma tal-enerġija u l-ilma. Huwa essenzjali wkoll li nagħtu prijorità lill-konsumaturi, billi niżguraw protezzjoni effettiva, aċċess ugwali u standards għoljin ta' kwalità. Barra minn hekk, irridu nkunu f'konformita' mal-prijoritajiet nazzjonali u Ewropej, inkluż il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, sabiex niżguraw effiċjenza operattiva u żvilupp teknoloġiku kontinwu.

5. Kif tiddeskrivi l-qagħda fis-servizzi tal-Enerġija u l-ilma f'pajjiżna?

Is-servizzi tal-enerġija u l-ilma f'pajjiżna qed jiffaċċjaw diversi sfidi riżultat tat-tkabbir fl-ekonomija u żieda fid-domanda. Barra minn hekk, l-effetti tat-tibdil fil-klima qed iżidu l-komplessità tal-mogħdija ta' xogħlijiet u strateġiji meħtieġa, anke fl-isfond ta' limiti naturali. Huwa mistenni li x-xogħlijiet ta' titjib ikunu kontinwi, biex is-servizzi jibqgħu effettivi, sostenibbli u adattati għall-bidliet u l-ħtiġijiet li jiżviluppaw.

Fl-istess waqt, l-iżviluppi fit-teknoloġija, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu mal-enerġija rinovabbli joħolqu opportunità għal Malta biex tkompli tkabbar is-sehem tal-enerġija nadifa fil-produzzjoni tal-elettriku, billi tħaddan teknoloġiji ġodda. Biex dan il-għan jintlaħaq, se jkun hemm bżonn ta' investimenti kbar, x'aktarx mis-settur privat, u hawnhekk jidħol l-irwol tar-Regolatur biex jassigura li kull operatur jimxi mar-regoli tas-swieq il-ħin kollu.

6. X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet matul dawn l-aħħar għaxar snin f'pajjiżna?

Għalkemm matul dawn l-aħħar għaxar snin saru diversi kisbiet fis-setturi tal-ilma u l-enerġija, mhux kollox kien mingħajr sfidi jew nuqqasijiet, tant li ġew identifikati diversi miżuri wkoll fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima (Energy and Climate Plan - (NECP), u l-fatt li huma inkorporati fil-pjan, juri li jeħtieġu jiġu indirizzati.

L-NECP jenfasizza l-ħtieġa li jitkompla u jissaħħaħ l-investiment fl-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fuels fossili. Dan juri li, minkejja li sar progress, bħall-introduzzjoni tal-gass naturali u l-interconnector, hemm passi oħrajn importanti fil-ġejjieni f'dak li hu tnaqqis fl-emissjonijiet u żvilupp sostenibbli.

Naħseb li ffokajna wisq fuq il-produzzjoni li tradizzjonalment kienet is-sors tal-problemi fil-qasam tal-ilma u l-enerġija. Filwaqt li din tibqa' ta' importanza ewlenija, irridu nkomplu nħarsu fit-tul lejn is-sistemi ta' distribuzzjoni kif ukoll lejn il-konservazzjoni kemm tal-ilma, kif ukoll tal-enerġija. Nemmen li l-aktar enerġija sostenibbli hija dik li jirnexxilna nnaqqsu l-użu tagħha. F'dan il-qasam sar ħafna, iżda baqa' opportunitajiet ukoll.

7. X'taħseb li kienu l-kisbiet ewlenin f'dawn l-aħħar għaxar snin f'pajjiżna?

Fis-servizzi tal-ilma, saru passi importanti 'l quddiem, fosthom titjib fil-kwalità tal-ilma fornita lill-konsumaturi, investimenti fl-infrastruttura biex tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqas it-telf ta' ilma, kif ukoll sistemi moderni għat-trattament u r-rijutilizzazzjoni ta' ilma użat.Barra minn hekk, skemi ta' għotjiet li jippromwovu l-użu tal-ilma tal-vit għax-xorb komplew isaħħu prattiċi aktar sostenibbli u responsabbli. Kompliet ukoll ħidma infrastrutturali biex jiġu mnaddfa u restawrati widien li huma mezz importanti għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita.

Fis-settur tal-enerġija, matul dawn l-aħħar snin, saru tibdiliet sinifikanti bħall-introduzzjoni tal-gass naturali għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-twaqqif ta' impjanti li kienu joperaw b'heavy fuel oil, l-bidu tal-operat tal-interconnector mal-Italja, li wassal għal provvista aktar diversifikata u affidabbli. Fl-istess waqt, kompla l-investiment fl-infrastruttura madwar Malta u Għawdex biex nindirizzaw iż-żieda fid-domanda u kompliet il-mixja lejn aktar enerġija rinnovabbli; proċess li ġie aċċellerat permezz ta' skemi u inizjattivi varji.

8. X’karigi oħra biħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f’każ li tiġi maħtur bħala l-President tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma?

   Ġejt nominata li nservi bħala Regolatur tal-Moniteraġġ Elettroniku skont Att XXlV tal-2025.

9. Tista’ tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista’ tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta’ interess f’każ li tiġi maħtur bħala President tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma?

   Niddikjara li jien m’għandix attivitajiet kummerċjali.